MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1170/2007

**Burlington Holdings Limited (C 2581)**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi s-socjeta’ esponenti giet notifikata b’ittra ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 2007 li kopja taghha hija hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument A li permezz taghha l-Korporazzjoni Enemalta nterpellatha sabiex thallas is-somma ta’ Lm29,139.01c allegatament dovut bhala konsum ta’ dawl eletttriku provdut mill-Korporazzjoni Enemalta lil kont 005099140 referibbilment ghal Burlington Holiday Complex.

2. Illi din l-ittra saret a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Art 466 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

3. Illi s-socjeta’ esponenti qieghda topponi din it-talba u ghalhekk kif hemm dispost fl-Artiklu tal-Ligi fuq imsemmi hija qieghda tipprezenta r-rikors prezenti.

4. Illi t-talba tal-Korporazzjoni Enemalta hija preskritta a’ tenur tad- dispozizzjonijiet fl-Artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili u, sussidjarjament l-Art 2151 tal-Kodici Civili.

5. Illi noltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, l-ammont mitlub m’huwiex imputabbli lis-socjeta’ esponenti tant illi permezz ta’ ittra ufficjali ta-8 ta’ Awissu 1994 (Dokument B) l-istess Korporazzjoni nterpellat lil Winston Carbone personalment sabiex ihallas l-ammont ta’ Lm28,071.11c1.

6. Illi noltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, l-Korporazzjoni ntimata trid tipprova x’relazzjoni guridika ghandha mas-socjeta’ esponenti u taht liema titlu qieghda tibbaza l-pretenzjonijiet taghha

7. Illi noltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, s-socjeta’ esponenti ma hadet l-ebda beneficcju mis-servizz provdut, u f’kull (kaz) l-Korporazzjoni ntimata ghandha ggib prova li kien hemm attwalment tali konsum u dan mhux sempliciment permezz ta’ *readings* izda anke relattivament ghas-sistema servuta b’tali servizz ta’ dawl u dan stante li l-kont apparentement jirreferi ghall-*common parts* f’bini u mhux kredibbli li jitla’ kont tali ghall-perijodu u skop hekk limitat. L-ammont mitlub huwa ferm esagerat.

Ghaldaqstant, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti xierqa u opportuni, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tiddikjara illi t'talba tal-Korporazzjoni Enemalta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni ntimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tas-socjeta' ntimata** a fol.10 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament u bid-dovut rispett lejn din l-Onorabbli Qorti, din il-vertenza hija l-kompetenza tat-Tribunal ta' l-Arbitragg. ai termini tal-partita 1.3 tar-Raba' Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg, Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabbilixxi illi t-Tribunal ta' l-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni eskluziva fuq kull tilwima li jkollha x'taqsam mall-provista ta' l-energija elettrika, kera ta' meter ta' l-elettriku jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta;

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni tissottometti umilment illi l-ammonti rikjesti huma dovuti mis-socjeta' nterpellata, cioe' Burlington Holdings Limited;

3. Illi fil-fatt il-mertu ta' din il-kawza ga gie trattat u definittivament deciz wara proceduri nizjati mis-socjeta' rikorrenti stess quddiem din l-Onorabbli Qorti u quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Superjuri) vide kawza fl-ismijiet Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Burlington Holdings Limited vs Tancred Tabone bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u l-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta (cit nru 136/1995, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Lulju 2007), kopja hawn annessa u mmarkata Dok. SA 1. Din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex isservi ta' stadju ta' appell ulterjuri mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

4. Illi ghalhekk huwa lampanti l-fatt illi filwaqt illi l-kont kien resgistrat fuq isem Winston Carbone, l-fond in kwistjoni, u cioe' fejn sehh il-konsum li tieghu il-Korporazzjoni konvenuta tesigi l-hlas, kien il-proprjeta' tas-socjeta' attrici u li Winston Carbone, li dak iz-zmien kien awtorizzat jidher ghan-nom ta' l-imsemmija socjeta' kien assuma r-responsabbilta' ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, li fl-ahhar mill-ahhar kienet, bhal sid il-fond, uzufruwiet mill-konsum ta' l-elettriku;

5. Illi d-delegata taf bil-fatti kif esposti minn dak li gie rrapurtat u mid-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba attrici bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghalhekk tiddikjara lis-socjeta' attrici debitrici tal-Korporazzjoni konvenuta fl-ammonti ndikati fl-ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru 2007 (Dok. A) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-attur;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Eccezzjoni preliminari**

Ir-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati fis-sens li din il-vertenza hija ta' kompetenza tat-Tribunal ta' l-Arbitragg, ai termini tal-partita 1.3 tar-Raba' Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg, Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-intimati qed jibbazzaw l-eccezzjoni taghhom fuq dak li jipprovvdi l-Kap 387 fir-raba' skeda tieghu. Dan jipprovvdi hekk:

*1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi ta' l-elettriku u ta' l-ilma*

"Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista ta' l-energija elettrika, kera ta' *meter* ta' l-elettriku, jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta, u kull tilwima marbuta mas-servizzi ta' l-ilma, **bla hsara, fejn dan japplika, ghad disposizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili,** ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, u ghad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista ta' l-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma".

Illi l-proceduri prezenti bdew mir-rikorrenti billi l-intimati appuntu kienu baghtu ittra ufficjali fit-18 ta' Ottubru 2007 Dok A li ntbaghatet ai fini ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12. Din hi procedura specjali favur Dipartiment tal-Gvern u anke f'dan il-kaz favur is-socjeta intimata li permezz taghha ittra ufficjali guramentata mibghuta minnha tirrendi kreditu pretiz minnha bhala wiehed esekuttiv jekk ma ssirx opposizzjoni kif prevvist fl-artikolu subinciz 2. Dan is-subinciz jipprovvdi li:

"Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigI notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li **l-qorti** tiddikjara t-talba bhala wahda infondata".

Skond dan is-sub-inciz il-procedura ta' opposizjzoni trid issir quddiem **Qorti** b'rikors. Gie deciz diversi drabi u anke recentement li t-Tribunal ta' l-Arbitragg mhux 'qorti.' (ara sentenza Kost A. Grech vs C. Calleja dec 29/2/2008).

Inoltre skond il-Kap 387 u partikolarment ir-raba' skeda taqsima A, Artikolu 1:3 fuq riferita, l-proceduri ta' l-arbitragg ma japplikawx fil-kaz ta' proceduri li jittiehdu taht l-imsemmi artikolu 466 tal-Kap 12 kif inhu l-kaz in ezami.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni sollevata mill-intimati ma' tistax tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimati
Spejjez ghall-intimati
U tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------